REPUBBLIKA TA' MALTA

# Gazzetta tal-Gvern ta' Malta

## The Malta Government Gazette

PUBBLIKATA B'AWTORITA' — PUBLISHED BY AUTHORITY

13,529 | It-Tlieta, 12 ta' Settembru, 1978 / Tuesday, 12th September, 1978 | Prezz 3c5 / Price 3c5

## NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

**Nru. 470**

**ATT TA' L-1974 DWAR L-EDUKAZZJONI**

NGHARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Bord ta' l-Għażla ta' l-Istudenti ġie nominat skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 39 ta' l-Att ta' l-1974 dwar l-Edukazzjoni u huwa kompost kif ġej: —

*Chairman*

Is-Sur Lino Spiteri, M.A.(Oxon), Dip.Soc.Stud.(Oxon)

*Rappreżentanti tal-Ġenituri*

Dott. Misael Cassar, M.D., B.Sc., B.Pharm., M.R.C.G.P.(Lond.)

Dott. George Borg, O.St.J., Ph.C., M.D.

*Rappreżentanti tal-Union*

Is-Sur Vincent Esposito

Is-Sur Joe Fino

*Rappreżentanti tal-Prinċipali*

Is-Sur E.T.C. Calascione

Is-Sur Arnold Cachia, M.I.O.M., A.M.B.I.M.

*Rappreżentanti ta' l-Università*

Is-Sur Oliver Friggieri, B.A.(Gen.), M.A.

## GOVERNMENT NOTICES

**No. 470**

**EDUCATION ACT, 1974**

IT is notified for general information that the Students Selection Board has been appointed in accordance with the provisions of section 39 of the Education Act, 1974 and is composed as follows: —

*Chairman*

Mr Lino Spiteri, M.A.(Oxon), Dip.Soc.Stud.(Oxon)

*Parents' Representatives*

Dr Misael Cassar, M.D., B.Sc., B.Pharm., M.R.C.G.P.(Lond.)

Dr George Borg, O.St.J., Ph.C., M.D.

*Union Representatives*

Mr Vincent Esposito

Mr Joe Fino

*Employers' Representatives*

Mr E.T.C. Calascione

Mr Arnold Cachia, M.I.O.M., A.M.B.I.M.

*University Representatives*

Mr Oliver Friggieri, B.A.(Gen.), M.A.

Dott. Abraham Galea, M.D., B. Pharm., M. R. C. P. (Edin.), M.R.C.P.(Glas.), D.P.M.(Eng.)

*Rappreżentanti ta' l-Awtoritajiet ta' l-Edukazzjoni*
Brother Martin Borg
Is-Sur Charles Mizzi, B.Sc., M.Sc.

Is-6 ta' Settembru, 1978

Dr Abraham Galea, M.D., B.Pharm., M.R.C.P.(Edin.), M.R.C.P.(Glas.), D.P.M.(Eng.)

*Representatives of Education Authorities*
Brother Martin Borg
Mr Charles Mizzi, B.Sc., M.Sc.

6th September, 1978

**Nru. 471**

**REGOLAMENTI TA' L-1975 DWAR L-IRMIĠĠ**

SKOND ir-Regolamenti ta' l-1975 dwar l-Irmiġġ, id-Direttur tal-Portijiet jgħarraf illi minkejja d-direttivi pubblikati fin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 636 tat-30 ta' Settembru, 1975, huwa issa jordna illi b'seħħ mit-13 ta' Settembru, 1978, *yachts* jistgħu jbaħħru direttament lejn jew minn l-irbit jew l-irmiġġ tagħhom tas-soltu għall-Bajja ta' Santa Marija jew il-Bajja ta' San Niklaw, f'Kemmuna, u jirmiġġjaw jew jorbtu f'dawn il-bajjiet bejn inżul ix-xemx u tlugħ ix-xemx kemm-il darba illi (a) ebda *yacht* ma jostakola xi moll jew post ta' l-iżbark aktar milli jkun meħtieġ biex jimbarka jew jiżbarka nies; (b) il-kaptan ta' *yacht* marbut jew irmiġġjat f'xi waħda mill-bajjiet jew li jkun ibaħħar lejn jew min dawn il-bajjiet ikun kiseb u jkollu abbord permess bil-miktub mingħand id-Direttur tal-Portijiet f'dan issens; (ċ) il-permess għandu jintwera lil kull rappreżentant tal-Kummissarju tal-Pulizija, tal-Kontrollur tad-Dwana jew tad-Direttur tal-Portijiet; u (d) il-kaptan għandu jobdi kull direttiva mogħtija mill-Pulizija, mill-Awtoritajiet tad-Dwana, jew mill-imsemmi Direttur tal-Portijiet.

It-12 ta' Settembru, 1978

**No. 471**

**BERTHING REGULATIONS, 1975**

IN terms of the Berthing Regulations, 1975, the Director of Ports notifies that notwithstanding the directives published in Government Notice No. 636 of the 30th September, 1975, he now directs that with effect from the 13th September, 1978, yachts may proceed direct to or from their usual moorings or berths to Santa Maria Bay or San Niklaw Bay, in Comino, and to berth or moor in any of these bays between sunset and sunrise provided that (a) no yacht shall obstruct any of the piers or landing stages more than is necessary to embark or disembark persons; (b) the master of a yacht moored or berthed in any of the bays or proceeding to or from such bays has obtained and carried on board a written permit from the Director of Ports to such effect; (c) the permit must be shown to any representative of the Commissioner of Police, Comptroller of Customs or the Director of Ports; and (d) the master shall obey any directive given by the Police, the Customs Authorities, or the said Director of Ports.

12th September, 1978

**Nru. 472**

**IS-SEGRETARJU, KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU, JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU**

IS-SUR Paul Vassallo, Segretarju, Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, reġa' daħal għal dmirijietu fl-4 ta' Settembru, 1978, u l-arranġament li hemm riferenza għalih fin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 357 tat-18 ta' Awissu, 1978, huwa b'din imħassar.

It-12 ta' Settembru, 1978

**No. 472**

**RESUMPTION OF DUTIES BY THE SECRETARY, PUBLIC SERVICE COMMISSION**

MR Paul Vassallo, Secretary, Public Service Commission, resumed duties on the 4th September, 1978, and the arrangement referred to in Government Notice No. 357 of the 18th August, 1978, is hereby cancelled.

12th September, 1978

Nru. 473

ATT TA' L-1948 DWAR IL-LOTTERIJI TAL-GVERN REGOLAMENTI TA' L-1977 DWAR IL-LOTTERIJI TAL-GVERN

**Siġillar tal-Matriċijiet tal-Biljetti tal-115-il Lotterija**

GĦALL-fini tar-regolament 20 tar-Regolamenti ta' l-1977 dwar il-Lotteriji tal-Gvern (A.L. 78 ta' l-1977) ngħarrfu illi s-siġillar tal-matriċijiet tal-biljetti tat-tieni fażi tal-115-il Lotterija tal-Gvern, li għandha titla' fid-29 ta' Settembru, 1978, se jsir fl-Uffiċċju Prinċipali tad-Dipartiment tal-Lottu Pubbliku, Beltissebħ, kuljum, barra mill-Ħdud u l-Vaganzi Pubbliċi kif ġej:

Minn nhar l-Erbgħa, l-20 ta' Settembru, 1978, sa nhar l-Erbgħa, is-27 ta' Settembru, 1978, mit-7.45 a.m. 'il quddiem.

It-12 ta' Settembru, 1978
(PLD/LY/16/77)

No. 473

GOVERNMENT LOTTERIES ACT, GOVERNMENT LOTTERIES REGULATIONS, 1977

**Sealing of Counterfoils of Tickets of the 115th Lottery**

FOR the purpose of regulation 20 of the Government Lotteries Regulations, (L.N. 78 of 1977) it is notified that the sealing of counterfoils of tickets of the second phase of the 115th Government Lottery, to be drawn on the 29th September, 1978, shall be carried out at the Head Office of the Public Lotto Department at Beltissebħ daily, excepting Sundays and Public Holidays, as follows:

From Wednesday, 20th September, 1978, to Wednesday, 27th September, 1978, from 7.45 a.m. onwards.

12th September, 1978

Nru. 474

ATT TA' L-1948 DWAR IL-LOTTERIJI TAL-GVERN REGOLAMENTI TA' L-1977 DWAR IL-LOTTERIJI TAL-GVERN

**Konsenja taċ-Ċilindri tal-115-il Lotterija**

GĦALL-finijiet tar-Regolament 23 tar-Regolamenti ta' l-1977 dwar il-Lotteriji tal-Gvern (A.L. 78 ta' l-1977) ngħarrfu b'din illi l-konsenja mill-Bord tal-Lotterija lill-Kummissjoni taċ-ċilindri li jkun fihom il-matriċijiet tat-tieni fażi tal-115-il Lotterija tal-Gvern li għandha titla' nhar il-Ġimgħa, id-29 ta' Settembru, 1978, se ssir fl-Uffiċċju Prinċipali tad-Dipartiment tal-Lottu Pubbliku, Beltissebħ, nhar il-Ħamis, it-28 ta' Settembru, 1978, mid-9.00 a.m. 'il quddiem.

Matul din l-operazzjoni l-post ikun miftuħ għall-pubbliku.

It-12 ta' Settembru, 1978
(PLD/LY/16/77)

No. 474

GOVERNMENT LOTTERIES ACT, GOVERNMENT LOTTERIES REGULATIONS, 1977

**Handing over of Cylindrical cases of the 115th Lottery**

FOR the purposes of Regulation 23 of the Government Lotteries Regulations 1977, (L.N. 78 of 1977) it is hereby notified that the handing over by the Lottery Board to the Commission of the cylindrical cases containing the counterfoils of the second phase of the 115th Government Lottery, due to be drawn on Friday, 29th September, 1978, shall be carried out at the Head Office of the Public Lotto Department, Beltissebħ, on Thursday, 28th September, 1978, from 9.00 a.m. onwards.

During the operation the place shall be accessible to the public.

12th September, 1978

UFFIĊĊJU ĊENTRALI TA' L-ISTATISTIKA

**Statistika tal-Prezzijiet bl-imnut ***

| | Oġġetti Essenzjali | Oġġetti Oħra | Oġġetti Kollha |
|---|---|---|---|
| 1974 (Medju) | 100.00 | 100.00 | 100.00 |
| Ġunju 1978 | 125.79 | 127.81 | 126.59 |
| Awissu 1978 | 124.55 | 128.17 | 125.99 |

* Għall-metodu wżat ara "Report on Proposals for a New Index of Retail Prices, 1973".

It-12 ta' Settembru, 1978

STATISTICS CENTRAL OFFICE OF

**Index of Retail Prices ***

| | Vital Items | Other Items | All Items |
|---|---|---|---|
| 1974 (Average) | 100.00 | 100.00 | 100.00 |
| June 1978 | 125.79 | 127.81 | 126.59 |
| August 1978 | 124.55 | 128.17 | 125.99 |

* For methodology in use see 'Report on Proposals for a New Index of Retail Prices. 1973".

12th September, 1978

---

DIPARTIMENT TAL-POSTA

**Timbru fis-Sub-Uffiċċju tal-Posta ta' San Ġiljan**

Il-*Postmaster General* igħarraf illi t-timbru tal-metall ta' l-idejn li bħalissa qed jintuża fis-Sub-Uffiċċju tal-Posta, San Ġiljan, se jiġi irtirat f'egħluq in-negozju nhar it-Tnejn, it-18 ta' Settembru, 1978.

Timbru ġdid tal-lastiku ta' l-idejn bil-kliem:

"ST JULIAN'S S.P.O. — MALTA"

se jintuża minn nhar it-Tlieta, id-19 ta' Settembru, 1978.

It-12 ta' Settembru, 1978

DEPARTMENT OF POSTS

**St Julian's Sub-Post Office Date-Stamp**

The Postmaster General notifies that the hand metal date-stamp at present in use at the Sub-Post Office, St Julian's, will be withdrawn at the close of business on Monday, 18th September, 1978.

A new rubber hand date-stamp inscribed:

"ST JULIAN'S S.P.O. — MALTA"

will be used as from Tuesday, 19th September, 1978.

12th September, 1978

---

**Eżami għal Pustiera Lulju/Settembru, 1978**

*Riżultat Finali*

Ir-Reġistratur ta' l-Eżamijiet igħarraf illi r-riżultat ta' l-eżami ta' hawn fuq ġie pubblikat u wieħed jista' jarah mit-Tnejn sal-Ġimgħa, bejn is-7.30 a.m. u s-1.30 p.m. fil-Fergħa ta' l-Eżamijiet, 31, Triq Nofs in-Nhar, Valletta.

Silta li turi kandidati minn Għawdex biss jista' wieħed jaraha fl-Uffiċċju tal-Kap għal Affarijiet għal Għawdex, Segretarjat għal Għawdex, Triq ir-Repubblika, ir-Rabat, Għawdex.

It-12 ta' Settembru, 1978

**Examination for Postmen July/September, 1978**

*Final Result*

The Registrar of Examinations notifies that the result of the above examination has been published and may be seen from Monday to Friday, between 7.30 a.m. and 1.30 p.m. at the Examinations Branch, 31, South Street, Valletta.

An extract showing candidates from Gozo only may be seen at the Office of the Head for Gozo Affairs, Gozo Secretariat, Republic Street, Victoria, Gozo.

12th September, 1978

AIR MALTA/THOMAS COOK

**Vakanza ta' 'Manager'**

Jintlaqgħu applikazzjonijiet mingħand ċittadini Maltin, li jkunu mistennija li jkollhom esperjenza anzjana minn qabel u li juru evidenza li għandhom il-kapaċità u l-esperjenza meħtieġa biex imexxu Aġenzija importanti ta' l-Ivvjaġġar. Il-post huwa wieħed ta' responsabbiltà kbira u joffri opportunità ta' sfida lil kandidati ambizzjużi.

Is-salarju jiġi miftiehem skond l-esperjenza u l-kapaċità tal-kandidat li jintagħżel.

Għandhom japplikaw biss dawk il-kandidati adattati li għandhom l-esperjenza u l-kwalifiki meħtieġa.

L-applikazzjonijiet li fihom għandhom jingħataw dettalji sħaħ tal-kwalifiki u esperjenza għandhom jiġu indirizzati lil:

c/o Dipartiment ta' l-Amministrazzjoni

Air Malta Co. Ltd

Europa Centre,
Il-Furjana

u jiġu milqugħa sa mhux aktar tard mid-19 ta' Settembru, 1978.

L-*envelopes* għandhom ikunu markati 'Manager Vacancy' fir-rokna ta' fuq in-naħa tax-xellug.

It-12 ta' Settembru, 1978

AIRMALTA/THOMAS COOK

**Vacancy of Manager**

Applications are invited from Maltese nationals, who will be expected to have had previous senior experience and to show evidence of having the necessary ability and background to manage a leading Travel Agency. The post is a highly responsible one and offers a challenging opportunity to ambitious candidates.

Salary negotiable depending on experience and capability of the successful candidate.

Only suitable candidates with the necessary experience and qualifications need apply.

Applications giving full details of qualifications and experience should be addressed to:

c/o Administration Department

Air Malta Co. Ltd

Europa Centre,
Floriana

and must be received by not later than 19th September, 1978.

Envelopes should be marked 'Manager Vacancy' on the top left-hand side corner.

12th September, 1978

## DIPARTIMENT TAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI

**Lista ta' Offerti mogħtija mid-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju, 1978.**

| *Deskrizzjoni tax-Xogħlijiet* | *Kuntrattur* |
|---|---|
| Tqegħid ta' *damp proof course* fid-Distrett tat-Tramuntana ... ... ... | Clo. Azzopardi |
| Tqegħid ta' *damp proof course* fid-Distrett tat-Tramuntana ... ... ... | Jos. Azzopardi |
| Xogħlijiet tal-ħadid f'14-il dar u 18-il *flat* fil-*Housing Estate* ta' l-Irnella ... | Amabile Galea |
| Xogħlijiet ta' rħam f'36 *flat* fil-*Housing Estate* tal-Mosta ... ... ... | Malta Marbles |
| Xogħlijiet ta' rħam f'5 blokki ta' *flats* fil-*Housing Estate* tal-Fgura ... ... | Malta Marbles |
| Provvista ta' rħam fil-*Housing Estate* ta' Ħal Għargħur ... ... ... | C. Sare' |
| Xogħlijiet ta' tqegħid ta' madum ivverniċjat tal-ħajt għall-Estensjoni tal-Blokk ta' Uffiċċji tal-fabbriki B22 u B32 fl-*Industrial Estate* ta' Bulebel ... | P. Camilleri |
| Xogħlijiet ta' dekorazzjoni fil-faċċati ta' quddiem tal-Proġett ta' Bieb il-Belt, Valletta ... ... ... ... | Jos. Mifsud |
| Xogħlijiet ta' dekorazzjoni fl-estensjoni tal-Fabbrika B5 u B6 fl-*Industrial Estate* ta' Bulebel ... ... ... | Anth. Agius |
| Xogħlijiet ta' dekorazzjoni u brix fis-*Supermarket,* Beltissebħ ... ... | J. Mifsud |
| Xogħlijiet ta' dekorazzjoni fis-*Supermarket,* Beltissebħ ... ... ... | Anth. Agius |
| Manifattura u twaħħil ta' *translucent flashing* fl-estensjonijiet tal-Fabbriki B18 u B21 fl-*Industrial Estate* ta' Bulebel ... ... ... ... ... | F.G.P. Ltd |
| Xogħlijiet ta' madum fil-Verdala *Barracks,* Bormla ... ... ... ... | Hal Mann Vella Tiles Ltd |
| Xogħlijiet ta' *plumbing* fl-Estensjoni ta' l-*Air Terminal* il-Ġdid, Ħal Luqa ... | F. Saliba |
| Xogħlijiet ta' rħam għal Triq Santa Luċija u Triq San Ġużepp, Valletta ... | C. Sare' |
| Qtugħ ta' blat fl-*Industrial Estate* ta' Bulebel ... ... ... ... | Clo. Galea |
| Provvista ta' balavostri għall-Isptar Chambrai, Għawdex ... ... ... | V. Axiaq |
| Xogħlijiet ta' asfalt fil-*Housing Estate* ta' l-Irnella, Fażi 1 ... ... ... | Clo. Vella Ltd |
| Kostruzzjoni ta' ħitan f'Santa Venera ... | Joseph Farrugia |
| Tqegħid ta' *hot damp proof course* fid-Distrett tan-Nofs in-Nhar ... ... | Clo. Azzopardi |
| Kostruzzjoni ta' soqfa tal-konkos rinforzat fl-Uffiċċju Prinċipali tal-Pulizija, il-Furjana ... ... ... | Lawrence Spiteri |

| *Deskrizzjoni tax-Xogħlijiet* | *Kuntrattur* |
|---|---|
| Xogħlijiet ta' *plumbing* u ta' l-elettriku fl-Estensjoni tal-Blokk ta' Uffiċċji tal-Fabbriki B32 u B22 fl-*Industrial Estate* ta' Bulebel ... ... ... | J. Carabott |
| Provvista u twaħħil ta' fanali fil-Proġett ta' Bieb il-Belt, Valletta ... ... | Fort. Mercieca |
| Xogħlijiet tal-ħadid fil-Proġett ta' Bieb il-Belt, Valletta ... ... ... | Amabile Galea |
| Xogħlijiet ta' rħam f'żewġ turġien fl-Estensjoni ta' l-*Air Terminal* il-Ġdid — Kuntratt 1 ... ... ... ... | Malta Marbles Ltd |
| Xogħlijiet ta' rħam fl-Estensjonijiet tal-Blokk ta' Uffiċċji fil-Fabbriki B32 u B22 fl-*Industrial Estate* ta' Bulebel ... | La Rosa Marbles |
| Xogħlijiet ta' rħam fl-Estensjoni ta' l-*Air Terminal* il-Ġdid fl-Estensjoni ta' l-Ajruport ta' Ħal Luqa — Kuntratt 2 | C. Sare' |
| *Galvanised steel gutter* fil-Fabbrika B24 fl-*Industrial Estate* ta' Bulebel ... | National Eng. Co. Ltd |
| Asfaltar ta' toroq fil-*Housing Estate* tal-Kalkara — Fażi II ... ... ... | G. Vella Ltd |
| Xogħlijiet ta' *plumbing* u ta' l-elettriku fil-*Yacht Marina* fil-*Manoel Island Complex* ... ... ... ... | Em. Vella |
| Xogħlijiet ta' l-elettriku fil-Blokk ġdid ta' Servizz fil-Fabbrika A53 fl-*Industrial Estate* tal-Marsa ... ... | Mario Dimech |
| Kostruzzjoni ta' saqaf tal-konkos rinfurzat fil-Fabbrika A53 fl-*Industrial Estate* tal-Marsa ... ... ... | Chircop & Buttigieg |
| Xogħlijiet tal-ġebel fin-naħa ta' wara ta' l-imħażen 11 u 12 fil-Malta Drydocks | Fenech & Pisani |
| Xogħlijiet tal-ġebel fin-naħa ta' wara ta' l-imħażen 9 u 10 fil-Malta Drydocks | L. Spiteri |
| Xogħlijiet tal-ġebel fin-naħa ta' wara tal-maħżen 19 u l-Mina tal-Knisja fil-Malta Drydocks ... ... ... | L. Spiteri |
| Twaqqiegħ ta' ħajt ta' l-appoġġ mal-Malta Packaging Ltd. B17, B18 u B32 fl-*Industrial Estate* ta' Bulebel ... | J. Barun & P. Casha |
| Xogħlijiet ta' *plumbing* fil-Blokk ġdid ta' Servizz fil-Fabbrika A53 fl-*Industrial Estate* tal-Marsa ... ... | Clo. Zarb |
| Tneħħija u ġarr ta' ħamrija u materjal fid-Distrett tat-Tramuntana ... ... | Clo. Galea |
| Tneħħija u ġarr ta' ħamrija u materjal mid-Distrett Ċentrali ... ... ... | Clo. Galea |
| Xogħlijiet ta' tħaffir fi Triq it-Telgħa ta' l-Isla — Fażi I ... ... ... | G. & F. Grech |
| Tħaffir ta' trinek fi Triq Anġlu Grima u fit-toroq tal-qrib, iż-Żejtun ... | C. & F. Borg |

| *Deskrizzjoni tax-Xogħlijiet* | *Kuntrattur* |
|---|---|
| Kisi għal kontra x-xita ta' soqfa fid-Distrett tat-Tramuntana għall-1977/78 ... ... ... ... ... | J. Azzopardi |
| Xogħlijiet tal-ġebel fis-Sacra Infermeria, Valletta ... ... ... ... | Lawrence Gauci |
| Bini ta' ħitan ta' lqugħ u li jdawru fid-Distrett Ċentrali ... ... ... | Clo. Desira |
| Xogħlijiet tal-konkos fis-Sacra Infermeria, Valletta ... ... ... | Clo. Desira |
| Bini ta' ħitan ta' lqugħ u li jdawru fid-Distrett tat-Tramuntana ... ... | Paul Abela |
| Xogħlijiet ta' l-elettriku fit-Taqsima Ċentrali tal-Provvisti ... ... ... | G. Grech |
| Tħaffir ta' blat fid-Distrett Ċentrali ... | Ang. Galea |
| Tħaffir ta' blat fid-Distrett tat-Tramuntana ... ... ... ... ... | A. Vella Borg |
| Qtugħ ta' ċangaturi tal-qawwi fis-Sacra Infermeria, Valletta ... ... ... | La Rosa Marbles |
| Xogħlijiet ta' tħaffir ta' trinek fid-Distrett tan-Nofs in-Nhar ... ... | Ang. Mifsud |
| Xogħlijiet ta' tħaffir ta' trinek fid-Distrett Ċentrali ... ... ... ... | F. & G. Grech |

It-12 ta' Settembru, 1978

---

DEPARTMENT OF PUBLIC WORKS

**List of Tenders placed by the Director of Public Works from 1st January to 30th June, 1978.**

| *Description of Works* | *Contractor* |
|---|---|
| Laying of damp proof course in the North District ... ... ... | Clo. Azzopardi |
| Laying of damp proof course in the North District ... ... ... | Jos. Azzopardi |
| Iron works in 14 houses and 18 flats at Rinella Housing Estate ... ... | Amabile Galea |
| Marble works in 36 flats at Mosta Housing Estate ... ... ... | Malta Marbles |
| Marble works in 5 blocks of flats at Fgura Housing Estate ... ... | Malta Marbles |
| Provision of marble at Għargħur Housing Estate ... ... ... ... | C. Sare' |
| Glazed wall tiling works to Office Block Extension to Factories B22 and B32 at Bulebel Industrial Estate | P. Camilleri |
| Decoration works in front elevations of the City Gate Project, Valletta ... | Jos. Mifsud |
| Decoration works in Factory extension B5 & B6 at Bulebel Industrial Estate | Anth. Agius |

| *Description of Works* | *Contractor* |
|---|---|
| Decoration and rendering works at the Supermarket, Beltissebh ... ... | J. Mifsud |
| Decoration works at the Supermarket, Beltissebh ... ... ... ... | Anth. Agius |
| Manufacture and fixing of translucent flashing to Factory connections B18 and B21 at Bulebel Industrial Estate | F.G.P. Ltd |
| Tiling works at Verdala Barracks, Cospicua ... ... ... ... ... | Hal Mann Vella Tiles Ltd |
| Plumbing works at the New Air Terminal Extension, Luqa ... ... | F. Saliba |
| Marble works for St Lucy Street and St Joseph Street, Valletta ... ... | C. Sare' |
| Rock cutting at Bulebel Industrial Estate ... ... ... ... ... | Clo. Galea |
| Supply of balustrades for Chambrai Hospital, Gozo ... ... ... | V. Axiaq |
| Asphalting works at Rinella Housing Estate — Phase 1 ... ... ... | Clo. Vella Ltd |
| Construction of walls at St. Venera ... | Joseph Farrugia |
| Laying of hot damp proof course in the South District ... ... ... ... | Clo. Azzopardi |
| Construction of reinforced concrete roofs at Police Headquarters, Floriana ... ... ... ... ... | Lawrence Spiteri |
| Plumbing and electricity works in Office Block Extension of Factories B32 and B22 at Bulebel Industrial Estate ... ... ... ... ... | J. Carabott |
| Provision and fixing of lanters at the City Gate Project, Valletta ... ... | Fort. Mercieca |
| Iron works in City Gate Project, Valletta ... ... ... ... ... | Amabile Galea |
| Marble works in two staircases at New Air Terminal Extension — Contract 1 ... ... ... ... ... | Malta Marbles Ltd |
| Marble works in Office Block Extensions in Factories B32 and B22 at Bulebel Industrial Estate ... ... | La Rosa Marbles |
| Marble works at the New Air Terminal Extension at Luqa Airport Extension — Contract 2 ... ... ... ... | C. Sare' |
| Galvanised steel gutter in Factory B24 at Bulebel Industrial Estate ... ... | National Eng. Co. Ltd |
| Asphalting of roads at Kalkara Housing Estate — Phase II ... ... | G. Vella Ltd |
| Plumbing and electricity works at the Yacht Marina at Manoel Island Complex ... ... ... ... ... | Em. Vella |

| *Description of Works* | *Contractor* |
|---|---|
| Electricity works in New Service Block at Factory A53 at Marsa Industrial Estate ... ... ... ... ... | Mario Dimech |
| Construction of a reinforced concrete roof in Factory A53 at Marsa Industrial Estate ... ... ... ... | Chircop & Buttigieg |
| Masonry works at back of stores 11 and 12 at Malta Drydocks ... ... | Fenech & Pisani |
| Masonry works at back of stores 9 and 10 at Malta Drydocks ... ... | L. Spiteri |
| Masonry works at back of store 19 and Church Tunnel at Malta Drydocks | L. Spiteri |
| Demolition of Party Wall to Malta Packaging Ltd B17, B18 and B32 at Bulebel Industrial Estate ... ... | J. Barun & P. Casha |
| Plumbing works in New Service Block to Factory A53 at Marsa Industrial Estate ... ... ... ... ... | Clo. Zarb |
| Removal and transportation of soil and material in the North District ... | Clo. Galea |
| Removal and transportation of soil and material from the Central District ... | Clo. Galea |
| Excavation works at Senglea Approach Road — Phase I ... ... ... | G. & F. Grech |
| Cutting of trenches at Anġlu Grima Street, and nearby streets, Żejtun ... | C. & F. Borg |
| Waterproofing of roofs in the North District for 1977/78 ... ... ... | J. Azzopardi |
| Masonry works at the Sacra Infermeria, Valletta ... ... ... ... | Lawrence Gauci |
| Construction of retaining and boundary walls in the Central District ... ... | Clo. Desira |
| Concrete works at Sacra Infermeria, Valletta ... ... ... ... | Clo. Desira |
| Construction of retaining and boundary walls in the North District ... ... | Paul Abela |
| Electricity works at the Central Supplies Section ... ... ... ... | G. Grech |
| Rock excavation in the Central District | Ang. Galea |
| Rock excavation in the North District | A. Vella Borg |
| Cutting of hard stone slabs at the Sacra Infermeria, Valletta ... ... | La Rosa Marbles |
| Trenching works in the South District | Ang. Mifsud |
| Trenching works in the Central District | F. & G. Grech |

12th September, 1978

## DIPARTIMENT TAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI

**Lista ta' Kwotazzjonijiet mogħtija mid-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju, 1978.**

| *Deskrizzjoni tax-Xogħlijiet* | *Kuntrattur* |
|---|---|
| Xogħlijiet tal-ġebel fit-Teatru Manoel | P. Brincat |
| Xogħlijiet ta' tqegħid ta' madum fin-Knightshall, Valletta ... ... | Empa Tiles Ltd |
| Tqegħid ta' ċangaturi tal-qawwi fil-Palazz ta' San Anton ... ... ... | Empa Tiles Ltd |
| Bini ta' kamra għal *pumping station* f'Dawra n-Nawfraġju f'San Pawl il-Baħar ... ... ... ... | A. Vella |
| Xogħlijiet ta' l-elettriku fil-Blokk A Tigne Barracks, Tas-Sliema ... ... | G. Grech |
| Ġarr ta' materjal minn Kordin għal Triq it-Tromba, il-Marsa ... ... | P. Camilleri |
| Xogħlijiet tal-ħadid fl-Estensjonijiet B32 u B22 fl-*Industrial Estate* ta' Bulebel ... ... ... ... ... | Ser. Buhagiar |
| Tagħbija u ġarr ta' materjal mill-Isla/Bormla f'Malta ... ... ... | A. Montebello |
| Manifattura u twaħħil ta' *kitchen units* tal-metall għad-Dipartiment tal-Maternità fl-Isptar San Luqa ... ... | F.G.P. Ltd |
| Kiri ta' kompressur għal użu fin-Knightshall ... ... ... ... | J. Vassallo |
| Għerik u illustrar ta' art tal-mużajk u/jew ċangaturi tal-qawwi f'diversi bini tal-Gvern ... ... ... ... | Malta Marbles Ltd |
| Xogħlijiet ta' dekorazzjoni fil-faċċati tal-postijiet Nri 76-80 fi Triq Santa Luċija, Valletta ... ... ... | Joseph Mifsud |
| Provvista u twaħħil ta' madum ivverniċjat tal-ħajt fin-Knightshall, Valletta ... ... ... ... ... | R. Satariano |
| Provvista u twaħħil ta' madum ivverniċjat f'Dipartimenti diversi tal-Gvern ... ... ... ... | A. Vella |
| Xogħlijiet ta' rħam fil-Blokk ta' Servizz tal-Fabbrika A53 fil-Marsa ... ... | La Rosa Marbles Ltd |
| Provvista ta' *sliding shutter* lill-Fabbrika A53 fl-*Industrial Estate* tal-Marsa | F.G.P. Ltd |
| *Roller and folding steel shutters* fit-*Terminal* ta' Ħal Luqa, Fażi I ... | F.G.P. Ltd |
| Tqegħid ta' madum fil-Fergħa ta' l-Uffiċċju tal-Posta, Triq il-Prinċep ta' Wales, Tas-Sliema ... ... ... | Empa Tiles Ltd |

It-12 ta' Settembru, 1978

DEPARTMENT OF PUBLIC WORKS

**List of Quotations placed by the Director of Public Works from 1st January to 30th June, 1978.**

| *Description of Works* | *Contractor* |
|---|---|
| Masonry works at the Manoel Theatre | P. Brincat |
| Tile laying works at the Knightshall, Valletta ... ... ... ... | Empa Tiles Ltd |
| Laying of hard stone slabs at San Anton Palace ... ... ... ... | Empa Tiles Ltd |
| Construction of a room for pumping station at Shipwreck Promenade at St Paul's Bay ... ... ... ... | A. Vella |
| Electricity works in Block A Tigne Barracks, Sliema ... ... ... | G. Grech |
| Transporting of material from Kordin to Trunk Road, Marsa ... ... | P. Camilleri |
| Iron works in Extensions B32 and B22 at Bulebel Industrial Estate ... | Ser. Buhagiar |
| Loading and transporting of material from Senglea/Cospicua inside Malta | A. Montebello |
| Manufacture and fixing of metal kitchen units for Maternity Department at St Luke's Hospital ... ... | F.G.P. Ltd |
| Hire of compressor unit for use at the Knightshall ... ... ... ... | J. Vassallo |
| Grinding and polishing of mosaic floor and/or hard stone slabs in various Government buildings ... ... | Malta Marbles Ltd |
| Decoration works in facades in premises Nos. 76-80 in St Lucy Street, Valletta ... ... ... ... | Joseph Mifsud |
| Supply and fixing of glazed wall tiles at the Knightshall, Valletta ... ... | R. Satariano |
| Supply and fixing of glazed wall tiles in various Government Departments | A. Vella |
| Marble works in Service Block to Factory A53 at Marsa ... ... ... | La Rosa Marbles Ltd |
| Supply of sliding shutter to Factory A53 at Marsa Industrial Estate ... | F.G.P. Ltd |
| Roller and folding steel shutters at Luqa Terminal, Phase I ... ... | F.G.P. Ltd |
| Laying of tiles at Branch Post Office, Prince of Wales Road, Sliema ... | Empa Tiles Ltd |

12th September, 1978

## UFFICCJU TAT-TEŻOR

L-*Accountant General* u Direttur tal-Kuntratti javża illi: —

**Jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, l-14 ta' Settembru, 1978, għal:—**

Avviż Nru. 542. Provvista ta' qliezet qosra koħol u tal-*khaki* lill-Kwartieri tal-Pulizija.

Avviż Nru. 564. Provvista, kunsinna, *commissioning* u ittestjar ta' faċilitajiet tekniċi għal sistema *audio-visual* għaċ-Ċentru tal-Konferenzi l-Ġdid (Sacra Infermeria) il-Belt Valletta.

Avviż Nru. 569. Provvista ta' ħabel għamla *manilla* u *polyamide* lit-Taqsima Ċentrali tal-Provvisti.

Avviż Nru. 592. Provvista ta' biċċiet tal-ġelat lid-Dipartiment tas-Saħħa.

Avviż Nru. 593. Provvista ta' oġġetti tal-merċa sal-15 ta' Marzu, 1979, lid-Dipartiment tas-Saħħa.

Avviż Nru. 594. *Reclamation* ta' art fil-post tal-Majjesa (Manikata) lid-Dipartiment tal-Biedja.

Avviż Nru. 595. Xogħol ta' trinek, trasport u tqegħid ta' *mains* tad-drenaġġ fil-Qasam Industrijali ta' Ħal Far.

Avviż Nru. 596. Xogħol ta' trinek, trasport u tqegħid ta' *mains* tad-drenaġġ fil-Qasam Industrijali ta' Ħal Far.

Avviż Nru. 597. Manifattura u bini ta' struttura tas-saqaf tal-konkos u *waterproofing* tal-fabbriki HF1, HF2 u HF3 fil-Qasam Industrijali ta' Ħal Far. (Stima: £M36,494.15,0).

Avviż Nru. 598. Manifattura u bini ta' struttura tas-saqaf tal-konkos u *waterproofing* tal-fabbriki HF4 u HF8 fil-Qasam Industrijali ta' Ħal Far. (Stima: £M33,964.20,0).

Avviż Nru. 599. Manifattura u bini ta' struttura tas-saqaf tal-konkos u *waterproofing* tal-fabbriki HF5 u HF9 fil-Qasam Industrijali ta' Ħal Far. (Stima: £M33,964.20,0).

Avviż Nru. 600. Manifattura u bini ta' struttura tas-saqaf tal-konkos u *waterproofing* tal-fabbriki HF6 u HF10 fil-Qasam Industrijali ta' Ħal Far. (Stima: £M33,964.20,0).

Avviż Nru. 601: Manifattura u bini ta' struttura tas-saqaf tal-konkos u *waterproofing* tal-fabbriki HF7 u HF11 fil-Qasam Industrijali ta' Ħal Far. (Stima: £M33,964.20,0).

## THE TREASURY

The Accountant General and Director of Contracts notifies that: —

**Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 14th September, 1978, for:—**

Advt. No. 542. Supply of blue and khaki breeches to the Police Headquarters.

Advt. No. 564. Supply, delivery, commissioning and testing of technical facilities for an audio-visual system for the New Convention Centre (Sacra Infermeria), Valletta.

Advt. No. 569. Supply of manilla and polyamide rope to the Central Supplies Section.

Advt. No. 592. Supply of ice-cream bricks to the Department of Health.

Advt. No. 593. Supply of general groceries up to the 15th March, 1979, to the Department of Health.

Advt. No. 594. Reclamation of land at the Majjesa (Manikata) site to the Department of Agriculture.

Advt. No. 595. Trenching work, transport and laying of sewage mains at Ħal Far Industrial Estate.

Advt. No. 596. Trenching work, transport and laying of sewage mains at Ħal Far Industrial Estate.

Advt. No. 597. Manufacture and erection of the concrete roof structure and waterproofing of factories HF1, HF2 and HF3 at Ħal Far Industrial Estate. (Estimate: £M36,494.15,0).

Advt. No. 598. Manufacture and erection of the concrete roof structure and waterproofing of factories HF4 and HF8 at Ħal Far Industrial Estate. (Estimate: £M33,964.20,0).

Advt. No. 599. Manufacture and erection of the concrete roof structure and waterproofing of factories HF5 and HF 9 at Ħal Far Industrial Estate. (Estimate: £M33,964.20,0).

Advt. No. 600. Manufacture and erection of the concrete roof structure and waterproofing of factories HF6 and HF10 at Ħal Far Industrial Estate. (Estimate: £M33,964.20,0).

Advt. No. 601. Manufacture and erection of the concrete roof structure and waterproofing of factories HF7 and HF11 at Ħal Far Industrial Estate. (Estimate: £M33,964.20,0).

Avviż Nru. 612. Bini ta' ħitan li jilqgħu u li jdawru fl-inħawi ta' Burmarrad. (Stima: £M5,760).

Avviż Nru. 613. Importazzjoni ta' qamħ *soft milling* lid-Dipartiment tal-Kummerċ.

Advt. No. 612. Construction of retaining and boundary walls in the Burmarrad Area. (Estimate: £M5,760).

Advt. No. 613. Importation of soft milling wheat to the Department of Trade.

**Jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin sal-10.00 a.m. tat-TNEJN, it-18 ta' Settembru, 1978, għal:—**

Avviż Nru. 546. Provvista ta' materjal tal-għażel lid-Dipartiment tas-Saħħa.

Avviż Nru. 547. Provvista ta' materjal tal-flanella lid-Dipartiment tas-Saħ-

Avviż Nru. 573. Provvista ta' madum ivverniċjat lit-Taqsima Ċentrali tal-Provvisti.

Avviż Nru. 602. Bini ta' Fabbrika K2 — *Mc Queen Group of Companies* fil-Qasam Industrijali ta' Kordin. (Stima: £M64,261.85,0).

**Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. on MONDAY, 18th September, 1978, for:—**

Advt. No. 546. Supply of linen material to the Department of Health.

Advt. No. 547. Supply of flanellette material to the Department of Health.

Advt. No. 573. Supply of glazed tiles to the Central Supplies Section.

Advt. No. 602. Construction of Factory K2 — McQueen Group of Companies at Corradino Industrial Estate. (Estimate: £M64,261.85,0).

**Jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, il-21 ta' Settembru, 1978, għal:—**

Avviż Nru. 557. Provvista ta' *manilla boards* lill-Uffiċċju Ċentrali ta' l-Istatistika.

Avviż Nru. 558. Provvista ta' strumenti tal-banda lill-Forzi Armati ta' Malta.

Avviż Nru. 583. Provvista ta' viti li jingħalqu waħedhom u *connectors* lit-Taqsima Ċentrali tal-Provvisti.

Avviż Nru. 584. Provvista ta' insettiċida għamla ta' likwidu lit-Taqsima Ċentrali tal-Provvisti.

Avviż Nru. 603. Provvista ta' *plastic crates* lill-Impriża għall-Bejgħ tal-Ħalib.

Avviż Nru. 604. Provvista ta' *whalehide cardboard pots* lid-Dipartiment tal-Biedja u Sajd.

Avviż Nru. 605. Xogħlijiet ta' inġinerija ċivili f'Bir-id-Deheb, Ħal Għaxaq u l-Gudja. (Stima: £M13,220).

**Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 21st September, 1978, for:—**

Advt. No. 557. Supply of manilla boards to the Central Office of Statistics.

Advt. No. 558. Supply of band instruments to the Armed Forces of Malta.

Advt. No. 583. Supply of self-closing taps and connectors to the Central Supplies Section.

Advt. No. 584. Supply of liquid insecticide to the Central Supplies Section.

Advt. No. 603. Supply of plastic crates to the Milk Marketing Undertaking.

Advt. No. 604. Supply of whalehide cardboard pots to the Department of Agriculture and Fisheries.

Advt. No. 605. Civil engineering works at Bir-id-Deheb, Għaxaq and Gudja. (Estimate: £M13,220).

**Jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin sal-10.00 a.m. tat-TNEJN, il-25 ta' Settembru, 1978, għal:—**

Avviż Nru. 614. Bini ta' blokki S u T fil-*Housing Estate* tal-Ħamrun (Stima: £M32,559).

Avviż Nru. 615. Bini ta' blokki C1, C2 u C3 fil-*Housing Estate* tal-Fgura (Stima: £M48,829).

Avviż Nru. 616. Bini ta' blokki C4 u C5 fil-*Housing Estate* tal-Fgura (Stima: £M32,559).

**Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. on MONDAY, 25th September, 1978, for:—**

Advt. No. 614. Construction of blocks S and T at Ħamrun Housing Estate (Estimate: £M32,559).

Advt. No. 615. Construction of blocks C1, C2 and C3 at Fgura Housing Estate (Estimate: £M48,829).

Advt. No. 616. Construction of blocks C4 and C5 at Fgura Housing Estate (Estimate: £M32,559).

Avviż Nru. 617. Bini ta' blokki C6 u C7 fil-*Housing Estate* tal-Fgura (Stima: £M32,559).

Avviż Nru. 618. Bini ta' blokki E u F fil-*Housing Estate* ta' Ħal Kirkop (Stima: £M32,559).

Avviż Nru. 619 Bini ta' blokki G u H fil-*Housing Estate* ta' Ħal Kirkop (Stima: £M32,559).

Avviż Nru.620. Bini ta' blokki F, G u H fil-*Housing Estate* taż-Żejtun (Stima: £M48,829).

Avviż Nru. 621. Bini ta' blokki I u J fil-*Housing Estate* taż-Żejtun (Stima: £M32,559).

Avviż Nru. 622. Bini ta' blokki Y1 u Y2 fil-*Housing Estate* ta' Ħal Qormi Ta' Farżina (Stima: £M32,559).

Avviż Nru. 623. Bini ta' blokki Y3, Y4 u Y5 fil-*Housing Estate* ta' Ħal-Qormi Ta' Farżina (Stima: £M48,829).

Avviż Nru. 624. Bini ta' blokki K1 u K2 fil-*Housing Estate* tal-Mosta (Stima: £M32,559).

Avviż Nru. 625. Bini ta' blokki C1 u C2 fil-*Housing Estate* ta' Ħaż-Żebbuġ (Stima: £M32,559).

Avviż Nru. 626. Bini ta' blokki C3 u C4 fil-*Housing Estate* ta' Ħaż-Żebbuġ (Stima: £M32,559).

Avviż Nru. 627. Bini ta' blokki C5 u C6 fil-*Housing Estate* ta' Ħaż-Żebbuġ (Stima: £M32,559).

Avviż Nru. 628. Bini ta' blokki A, B u C fil-*Housing Estate* ta' Santa Venera (Stima: £M58,120).

Avviż Nru. 629. Bini ta' blokki D, E u F fil-*Housing Estate* ta' Santa Venera (Stima: £M58,120).

Avviż Nru. 630. Bini ta' blokk 16 fil-*Housing Estate* ta' San Ġwann (Stima: £M29,924).

Avviż Nru. 631. Bini ta' blokk 17 fil-*Housing Estate* ta' San Ġwann (Stima: £M29,924).

Avviż Nru. 632. Bini ta' blokk 18 fil-*Housing Estate* ta' San Ġwann (Stima: £M29,924).

Avviż Nru. 633. Bini ta' djar u mħażen fix-Xatt ta' l-Isla (Stima: £M20,818).

Avviż Nru. 634. *Reclamation* ta' l-art taż-Żebbiegħa limiti ta' Ħad-Dingli lid-Dipartiment tal-Biedja.

Avviż Nru. 635. Provvista ta' oġġetti ta' ħafna għamliet (Nru. 8) lit-Taqsima Ċentrali tal-Provvisti.

Advt. No. 617. Construction of blocks C6 and C7 at Fgura Housing Estate (Estimate: £M32,559).

Advt. No. 618. Construction of blocks E and F at Kirkop Housing Estate (Estimate: £M32,559).

Advt. No. 619. Construction of blocks G and H at Kirkop Housing Estate (Estimate: £M32,559).

Advt. No. 620. Construction of blocks F, G and H at Żejtun Housing Estate (Estimate: £M48,829).

Advt. No. 621. Construction of blocks I and J at Żejtun Housing Estate (Estimate: £M32,559).

Advt. No. 622. Construction of blocks Y1 and Y2 at Qormi Ta' Farżina Housing Estate (Estimate: £M32,559).

Advt. No. 623. Construction of blocks Y3, Y4 and Y5 at Qormi Ta' Farżina Housing Estate (Estimate: £M48,829).

Advt. No. 624. Construction of blocks K1 and K2 at Mosta Housing Estate (Estimate: £M32,559).

Advt. No. 625. Construction of blocks C1 and C2 at Żebbuġ Housing Estate (Estimate: £M32,559).

Advt. No. 626. Construction of blocks C3 and C4 at Żebbuġ Housing Estate (Estimate: £M32,559).

Advt. No. 627. Construction of blocks C5 and C6 at Żebbuġ Housing Estate (Estimate: £M32,559).

Advt. No. 628. Construction of blocks A, B and C at Saint Venera Housing Estate (Estimate: £M58,120).

Advt. No. 629. Construction of blocks D, E and F at Saint Venera Housing Estate (Estimate: £M58,120).

Advt. No. 630. Construction of block 16 at San Ġwann Housing Estate (Estimate: £M29,924).

Advt. No. 631. Construction of block 17 at San Ġwann Housing Estate (Estimate: £M29,924).

Advt. No. 632. Construction of block 18 at San Ġwann Housing Estate (Estimate: £M29,924).

Advt. No. 633. Construction of dwelling units and stores at Senglea Wharf (Estimate: £M20,818).

Advt. No. 634. Reclamation of land at Żebbiegħa limits of Dingli to the Department of Agriculture.

Advt. No. 635. Supply of miscellaneous items (No. 8) to the Central Supplies Section.

**Jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-28 ta' Settembru, 1978, għal:—**

Avviż Nru. 570. Provvista ta' fradal prottettivi taċ-ċomb lid-Dipartiment tas-Saħħa.

Avviż Nru. 571. Provvista ta' imwejjed ta' fuq is-sodda lid-Dipartiment tas-Saħħa.

Avviż Nru. 606. Provvista ta' materjal ta' iżolazzjoni għall-*Boilerhouse* tar-*Red China Dock.*

Avviż Nru. 607. Provvista ta' pjanċi tal-*laminated plastic* lit-Taqsima ta' l-Isptar tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi.

* Avviż Nru. 638. Bini ta' ġibjun mgħotti għall-ilma tax-xita fil-*Housing Estate* Ta' Paris (Stima: £M21,988).

* Avviż Nru. 639. Bini ta' ġibjun miftuħ ta' l-ilma f'St Andrews Fażi 2 (Stima: £M12,662).

* Avviż Nru. 640. Xogħlijiet ta' inġinerija ċivili fil-Qasam Industrijali ta' Ricasoli Fażi 1A — Parti 1 (Stima: £M41,338).

* Avviż Nru. 641. Xogħlijiet ta' inġinerija ċivili fil-Qasam Industrijali ta' Ricasoli Fażi 1A — Parti 2 (Stima: £M52,356).

* Avviż Nru. 642. Xogħlijiet ta' inġinerija ċivili fil-Qasam Industrijali ta' Ricasoli Fażi 1B — Parti 1 (Stima: £M45,490).

* Avviż Nru. 643. Xogħlijiet ta' inġinerija ċivili fil-Qasam Industrijali ta' Ricasoli Fażi 1B — Parti 2 (Stima: £M47,696).

* Avviż Nru. 644. Xogħlijiet ta' inġinerija ċivili fil-Qasam Industrijali ta' Ricasoli Fażi 1C — Parti 1 (Stima: £M74,064).

* Avviż Nru. 645. Xogħlijiet ta' inġinerija ċivili fil-Qasam Industrijali ta' Ricasoli Fażi 1C — Parti 2 (Stima: £M44,426).

**Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 28th September, 1978, for:—**

Advt. No. 570. Supply of protective lead aprons to the Department of Health.

Advt. No. 571. Supply of overbed tables to the Department of Health.

Advt. No. 606. Supply of insulation material for the Boilerhouse at the Red China Dock.

Advt. No. 607. Supply of laminated plastic sheets for the Hospital Section of the Public Works Department.

* Advt. No. 638. Construction of a covered storm water reservoir at Ta' Paris Housing Estate (Estimate: £M21,988).

* Advt. No. 639. Construction of an open reservoir at St Andrews Phase 2 (Estimate: £M12,662).

* Advt. No. 640. Civil engineering works at Ricasoli Industrial Estate Phase 1A — Part 1 (Estimate: £M41,338).

* Advt. No. 641. Civil engineering works at Ricasoli Industrial Estate Phase 1A — Part 2 (Estimate: £M52,356).

* Advt. No. 642. Civil engineering works at Ricasoli Industrial Estate Phase 1B — Part 1 (Estimate: £M45,490).

* Advt. No. 643. Civil engineering works at Ricasoli Industrial Estate Phase 1B — Part 2 (Estimate: £M47,696).

* Advt. No. 644. Civil engineering works at Ricasoli Industrial Estate Phase 1C — Part 1 (Estimate: £M74,064).

* Advt. No. 645. Civil engineering works at Ricasoli Industrial Estate Phase 1C — Part 2 (Estimate: £M44,426).

**Jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin sal-10.00 a.m. tat-TNEJN, it-2 ta' Ottubru, 1978, għal:—**

Avviż Nru. 574. Provvista ta' materjali tas-*suture* lid-Dipartiment tas-Saħħa.

Avviż Nru. 575. Provvista ta' tagħmir *disposable* Nru. 2 lid-Dipartiment tas-Saħħa.

Avviż Nru. 576. Provvista ta' srievet lid-Dipartiment tas-Saħħa.

**Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. on MONDAY, 2nd October, 1978, for:—**

Advt. No. 574. Supply of suture materials to the Department of Healh.

Advt. No. 575. Supply of disposable equipment No. 2 to the Department of Health.

Advt. No. 576. Supply of napkins to the Department of Health.

Avviż Nru. 577. Provvista ta' *meters* għall-ilma kiesaħ għamla *positive/semi-positive* lit-Taqsima Ċentrali tal-Provvisti.

**Jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, il-5 ta' Ottubru, 1978, għal:—**

Avviż Nru. 585. Provvista ta' *nitrous oxide gas* lid-Dipartiment tas-Saħħa.

Avviż Nru. 586. Provvista ta' prodotti tad-demm lid-Dipartiment tas-Saħħa.

Avviż Nru. 587. Provvista ta' tagħmir għall-*chlorinating* ta' l-ilma lid-Dipartiment tax-Xogħlijiet ta' l-Ilma.

Avviż Nru. 588. Provvista ta' *leadless split collars* lid-Dipartiment tax-Xogħlijiet ta' l-Ilma.

